# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Gunju 2021**

**Avviz Numru: 198/20MLF**

**A.A.K Grech Bros. Limited**

**vs**

**Buy Sell Rent Co Limited**
**Marthese Portelli**

Il-Qorti;

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta attrici li talbet li l-konvenuti jigu ikkundannati ihallsuha s-somma ta' hamest elef u tmienja u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu (€5,088.39), ghall-materjali, merkanzija u oggetti mibjugha lill-konvenuti, liema somma hija certa, likwida u dovuta minnhom, hekk kif jirrizulta mir-rendikont anness u mmarkat bhala Dok BSR1. Il-konventi kienu hargu cekk bin-numru '000220' datat 15 ta' Marzu 2020 favur l-atturi anness u mmarkat bhala Dok BSR2 sabiex isir hlas tal-ammont dovut, liema cekk baqa ma giex onorat f'iktar minn okkazjoni wahda, nonostante l-attentati diversi tal-atturi biex isarrfu t-tali cekk. Bl-imghax mid-data tar-rendikont u bl-ispejjez

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021, il-konvenuti ma dehrux, ghalkemm kienu debitament notifikati, u mill-atti lanqas jirrizulta li pprezentaw risposta.

Fl-istess seduta, il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Emanuel Grech, id-direttur tas-socjeta attrici.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ikkunsidrat:

L-unici provi prodotti f'dawn il-proceduri huma dawk tas-socjeta attrici ghax il-konvenuti la dehru f'dawn il-proceduri u lanqas ipprezentaw provi.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta attrici bieghet numru ta' ghodda kummercjali lill-konvenuta Marthese Portelli f'okkazzjonijiet differenti, u l-ammont totali ta' dan il-bejgh kien ta' €5,088.39. Is-socjeta konvenuta hallset dan l-ammont permezz ta' cekk iffirmat minn Marthese Portelli, u s-socjeta konvenuta irrilaxxat ircevuta fis-17 ta' Marzu 2020.[1] Pero dan ic-cekk ma giex onorat mill-bank.[2] Ghalkemm Emanuel Grech, id-direttur tas-socjeta konvenuta kellem kemm-il darba lill-konvenuta Marthese Portelli dwar il-fatt li c-cekk ma giex onorat mill-bank, hija kull darba tghidlu biex jerga' jipprova jsarrfu u jerga' ma jigix onorat. Dan gara diversi drabi. Konsegwentement is-socjeta attrici intavolat dawn il-proceduri.

Huwa vera li mill-provi m'huwiex car jekk is-socjeta attrici ghamlitx dan in-negozju mall-konvenuta Portelli f'isimha proprju jew ghan-nom tas-socjeta konvenuta. Pero ic-cekk inhareg mis-socjeta konvenuta u gie iffirmat mill-konvenuta Portelli. Ladarba iz-zewg konvenuti hargu dan ic-cekk, dan jammonta ghal rikonoxximent li l-ammont indikat fic-cekk huwa dovut lis-socjeta attrici.

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-obbligazzjoni tal-konvenuti hija wahda kummercjali, u ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli in solidum ghall-hlas ta' dan id-dejn, ai termini tal-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc.

Ghaldaqstant, mill-provi prodotti, l-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta attrici irnexxielha tipprova t-talba taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili.

---

[1] Ara Dok BSR1 a fol. 2 tal-process.
[2] Ara Dok BSR 2 a fol. 3 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici, u tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' hamest elef u tmienja u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu (€5,088.39), bl-imghax mis-17 ta' Marzu 2020 (data tal-ircevuta/rendikont) kontra l-konvenuti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenuti in solidum.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**